**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

**Vs**

**Alizee Estievenart**

**Illum 11 ta' Awwissu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Alizee Estievenart,** ta' wieħed u għoxrin (21) sena, bint Philippe u Ariane Lienart, imwielda l-Belġju fit-8 ta' Marzu 2002, residenti ġewwa Room 425, St. Georges Park Hotel, San Ġiljan, u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità Belġjana Numru 593-0149453-36, talli b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

1. Nhar is-6 ta' Awwissu 2023, għall-ħabta ta' 20:15 ta filgħaxija u fiż-żminijiet ta' qabel, minn ġewwa il-fond bl-isem 'THE MODEL SHOP', sitwat ġewwa Baystreet, San Ġiljan, u f'postijiet oħra madwar il-gżejjer Maltin, ikkomettiet serq ta' ġugarell, kotba u diversi oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur peress li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) li però ma jeċċedix elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin, u dan għad-detriment ta' Winston Pace u/jew persuni u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 (ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. U aktar talli nhar il-10 ta' Awwissu 2023 u fiż-żminijiet ta' qabel, xjentement laqat għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, jew meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lil Alizee Estievenart għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioè: (i) rapport tal-Pulizija dwar il-każ datat 11 t'Awwissu 2023 numru 11/POL/5015/2023 - Dok. "A"; (ii) vera fotokopja tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imputata maħruġa mill-Awtoritajiet Belġjani – Dok. "B"; (iii) stqarrija ta' l-imputata - Dok. "C"; (iv) dikjarazzjoni ta' l-imputata għar-rinunzja għad-dritt tal-parir legali - Dok. "D"; u (v) il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliza - Dok. "E1" u Dok. "E2";

Rat li l-imputata ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja u li wieġbet li hija ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet minnha kkonfermata wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietha bil-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tagħha u tatha biżżejjed żmien biex tirrikonsidra l-posizzjoni tagħha u terġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-Difiża, minn liema rriżulta li l-imputata rritornat l-oġġetti kollha misruqa;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi mixlija talli b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) nhar is-6 ta' Awwissu 2023, għall-ħabta ta' 20:15hrs u fiż-żminijiet ta' qabel, minn ġewwa il-fond bl-isem 'THE MODEL SHOP', sitwat ġewwa Baystreet, San Ġiljan, u f'postijiet oħra madwar il-gżejjer Maltin, ikkomettiet serq ta' ġugarell, kotba u diversi oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur peress li huwa aktar minn €232.94, li però ma jeċċedix €2,329.37, u bil-ħin, u dan għad-detriment ta' Winston Pace u/jew persuni u/jew entitajiet oħra; u (2) aktar talli nhar il-10 ta' Awwissu 2023 u fiż-żminijiet ta' qabel, xjentement laqat għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, jew meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom.

L-imputata ddikjarat li hija ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha. Fid-dawl ta' tali ammissjoni, il-Qorti għandha ssib lill-iimputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontriha.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed tiġi mixlija l-imputata u li tagħhom hija qed tiddikjara li hija ħatja, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li hija rreġistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, li għandha fedina penali netta, li kkoperat mal-Pulizija u li l-imputata rritornat l-oġġetti misruqa minnha.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 20, 31, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 284, 285, 334(a) u 337(2)(b)(i) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja, fuq ammissjoni tagħha stess, ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha u tikkundannaha għall-perijodu ta' għaxar (10) xhur priġunerija iżda, billi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputata, senjatament il-fatt li l-imputata rreġistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, li għandha fedina penali netta u li rritornat l-oġġetti misruqa, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' għaxar (10) xhur priġunerija hawn impost fuq l-imputata għal sena (1) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar ir-responsabilità tagħha taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk hija tikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Epserti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**